MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Numru 5/1999

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**

**Il-Qorti:**

Din hi decizjoni wara rikors intavolat mill-akkuzat Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah fid-9 ta’ Novembru, 2004 wara decizjoni tal-Qorti Kriminali tat-8 ta’ Novembru, 2004 li permezz taghha giet michuda eccezzjoni ta’ rikuza tal-

Onorevoli Imhallef sedenti f'dik il-Qorti – l-Imhallef Joseph Galea Debono – sollevata mill-imsemmi akkuzat.

Ghall-precizjoni, il-kronologija ta' dak li gara kienet is-segwenti:

1. Wara li kienet saret il-kumpilazzjoni kontra l-appellant odjern u kontra ko-akkuzat Aimen Said Giali el Baden, l-Avukat Generali pprezenta zewg atti ta' akkuza separati – l-Att ta' Akkuza numru 4/99 kontra el Baden u dak odjern kontra Shnishah.

2. Fil-gurnata li kellu jibda l-guri kontra el Baden – 29 ta' April, 2002 – l-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gibed l-attenzjoni kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza (l-avukat difensur ta' el Baden kien l-Avukat Dott. Joseph Mifsud) li minn ezami ta' l-atti rrizulta li meta huwa kien ghadu jezercita l-professjoni ta' avukat kien iffirma u pprezenta, fit-<u>13 ta' Frar, 1998</u>, rikors fl-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* li kienet qed tigi kondotta fir-rigward tal-qtil ta' Alfie Rizzo li permezz tieghu r-rikorrenti (l-armla ta' Alfie Rizzo, Maria Rizzo, f'isimha proprju u bhala legittima rappresentanti ta' tnejn minn uliedha minuri, u Francesca Rizzo) talbu lill-Qorti tal-Magistrati sabiex ikunu jistghu jifthu mill-gdid il-hanut fejn kien sehh l-omicidju tal-imsemmi Alfie Rizzo, kif ukoll sabiex ikunu jistghu jirtiraw vettura kif ukoll xi oggetti personali tal-mejjet.

3. Il-verbal tad-29 ta' April, 2002 ikompli bis-segwenti dikjarazzjoni: *"Illi l-Imhallef sedenti jiddikjara li l-involviment tieghu f'dan il-kaz kien jikkonsisti biss f'dan ir-rikors li sar bhala favur lil Albert Rizzo hu l-mejjet u li hu* (ossia l-Imhallef, allura avukat, Joseph Galea Debono) *qatt ma kellem lir-rikorrent* (<u>recte</u>: rikorrenti) *personalment u inqas u inqas ta xi parir jew esprima xi opinjoni dwar il-meritu tal-guri li ghandu jinstema' llum u li qatt ma kien jirraprezenta lill-parti civili fil-proceduri kontra l-akkuzat odjern, ghax din kienet fdata f'idejn avukati ohra u ghalhekk, fil-fehma tieghu, dan il-fatt ma jaghtix lok ghar-rikuza jew astensjoni tieghu milli jippresjedi dan il-guri ghat-tenur tal-art. 446 tal-Kodici Kriminali u l-art. 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in kwantu*

*dan applikabbli ghal kaz u li ma hemm xejn x'josta li hu jkompli jippresjedi f'dan il-guri."* Minnufih wara din id-dikjarazzjoni hemm registrat illi *"Il-prosekuzzjoni u d-difiza ma jsibux opposizzjoni li l-Imhallef sedenti, in vista ta' din id-dikjarazzjoni, jibqa' jippresjedi il-guri."* In segwitu f'dik l-istess gurnata inqara l-Att ta' Akkuza, ittellghu l-gurati u l-guri ha l-kors normali tieghu.

4. Fl-atti tal-process kontra Shnishah – fejn issa l-avukat difensur huwa l-Avukat Dott. Joseph Brincat – gie pprezentat rikors fl-1 ta' Novembru, 2004 li bih l-akkuzat gibed l-attenzjoni tal-Qorti (allura wkoll presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono) ghall-istess rikors tat-13 ta' Frar, 1998, u dan, fi kliem l-istess rikors *"…biex din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta tkun tista' kmieni bizzejjed tirregola l-posizzjoni jekk ghandhiex tastjeni u dan b'digriet ex officio, stante li l-Imhallef sedenti f'xi zmien kien jippatrocina lil wahda mill-partijiet u x-xhieda fl-istess process u fuq l-istess materja jew in konnessjoni ma' l-istess materja."* Presumibbilment in vista ta' dan ir-rikors, il-Qorti Kriminali rrikjamat il-kawza ghat-8 ta' Novembru, 2004 (il-guri kien gie skedat li kellu jibda fit-22 ta' Novembru, 2004). Fit-8 ta' Novembru, 2004 l-akkuzat Shnishah ipprezenta nota li biha "formalment" irrikuza lill-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono *"…u dan peress li l-istess Imhallef jidher fil-process bhala avukat tal-parti civili, u dan jipprekludih milli joqghod fil-kawza u dan ai termini tal-Artikolu 734(1)(d)(i)*[1] *tal-Kap. 12 applikabbli ghall-Qrati Kriminali."*

5. B'decizjoni moghtija fit-8 ta' Novembru, 2004 l-eccezzjoni ta' rikuza giet formalment respinta. Fl-imsemmija decizjoni, wara li saret referenza ghall-verbal tad-29 ta' April, 2002 (ara paragrafu 2, *supra*), jinghad hekk: *"Illi din il-Qorti regghet ezaminat mill-gdid il-posizzjoni taghha u ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-verbal fuq citat ma tarax li ghandha tastjeni milli tippresjedi dan il-guri. Izzid tghid mill-gdid u ttenni li l-*

[1] Art. 734(1): "L-imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza…(d)(i)…jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha…"

*Imhallef sedenti qatt ma kien l-Avukat tal-mejjet jew ta' xi membru tal-familja tieghu u qatt ma ta xi parir jew esprima xi opinjoni dwar dan il-kaz jew dwar din il-kawza kontra l-akkuzat. L-intervent tieghu kien wiehed li jissejjah 'di favore' fuq talba ta' hu l-akkuzat li wkoll ma kienx klient tieghu dak iz-zmien imma kien biss jafu u li kien sab lill-Imhallef sottoskritt (allura Avukat) fil-kuridur tal-Qorti u li dak li ghamel kien proprju ghamlu bi pjacir lil hu l-mejjet u xejn aktar. Terga' w tghid meta pprezenta dak ir-rikors ma kien ghadhom ittiehdu ebda proceduri kontra l-akkuzat u kien hemm biss inkjesta magisterjali dwar il-kaz. Li hu lanqas biss kien jaf il-mejjet u lill-familja tieghu li kellhom l-Avukati taghhom li ghamlu l-parte civile f'din il-kawza. It-talba li saret fir-rikors kienet biss wahda ta' natura amministrattiva dwar ftuh ta' hanut u rilaxx ta'* car *u oggetti personali tal-mejjet u b'ebda mod ma dahlet fil-meritu tal-kaz."* Kif inghad, l-eccezzjoni tar-rikuza giet respinta, u l-kaz thalla biex jibda jinstema' quddiem il-guri ghat-22 ta' Novembru, 2004.

Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar-il Hamis, 11 ta' Novembru, 2004 in konnessjoni mar-rikors ta' appell tad-9 ta' Novembru, 2004 u rat ukoll in-nota ta' l-appellant tat-12 ta' Novembru, 2004. Bazikament l-appellant qed jikkontendi li, galadarba l-Onorevoli Imhallef kien iffirma u pprezenta r-rikors aktar 'l fuq imsemmi tat-13 ta' Frar, 1998, liema rikors spicca fl-atti ta' l-istruttorja wara li l-atti ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* gew ezibiti f'dik l-istruttorja, huwa kien sar "oggettivament" parti fil-proceduri, b'mod li biex jigi evitat l-icken dubbju dwar il-parzjalita` "oggettiva" tieghu huwa ghandu ma jkomplix jippresjedi fil-kaz *de quo*. L-appellant kjarament <u>mhux jallega</u> l-imparzjalita` "soggettiva" ta' l-Onorevoli Imhallef Galea Debono, izda qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq is-semplici apparenza jew percezzjoni ta' parzjalita`. Fi kliem ir-rikors ta' appell: *"Ma jfissirx li meta tinghata eccezzjoni ta' rikuza jkun hemm suspett fl-Imhallef jew gudikant, imma barra s-sostanza, hemm ukoll dik li komunement tissejjah "perception" tal-imparzjalita`. Il-"perception" li jkollha n-nies li f'isimha ssir il-gustizzja."* Skond l-appellant ir-rikuza tevita s-suspett dwar l-imparzjalita` tal-gudikant *"…ghaliex tippreferi li ma jkunx hemm l-anqas l-ickem*

*dubbju li bhal dan il-kaz, l-Imhallef agixxa ghan-nom ta' xhieda li huma fil-process, u b'effett tar-rikors minnu presentat, dahal fil-procedura tal-kumpilazzjoni u fuqu kien hemm digriet."*

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tibda biex tghid li ghandha d-dubbji taghha kemm seta' jsir appell mid-decizjoni tat-8 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tar-rikuza, u dan in vista ta' dak li jiddisponu s-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 499 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-Artikolu 449 tal-istess Kodici. Il-Qorti, pero`, tosserva li f'kaz simili deciz fit-23 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja*** din il-Qorti - allura diversament komposta[2] - kienet irriteniet li ghandha tmur mill-ewwel ghall-qofol tal-vertenza minghajr ma tidhol fi kwistjonijiet procedurali, u dan principalment in omagg ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. In fatti din il-Qorti f'dik id-decizjoni kienet esprimiet ruhha fis-sens li aktar importanti minn jekk setax effettivament isir appell bil-mod kif sar u meta sar, *"…hu hafna aktar essenzjali u fondamentali li jigi deciz jekk oggettivament hemmx raguni valida biex l-Onorevoli Imhallef Dr. Vincent DeGaetano li lilu gie assenjat il-kaz prezenti, ghandux jastjeni ruhu, indipendentement jekk din hix strettament eccezzjoni ta' rikuza jew hekk hijiex talba specjali u* sui generis *biex huwa ma jibqax jiehu konjizzjoni tal-kaz. Dan s'intendi fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-ligi taghna, kif ukoll ta' dak li minn zmien ghal zmien gie deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghaliha jaghmel riferenza ampja l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu…jekk din il-Qorti jirrizultalha li jezistu ragunijiet sufficjenti biex, fil-fehma taghha, l-Onorevoli Imhallef DeGaetano ma jkomplix jippresjedi f'dan il-kaz bhala l-Imhallef tal-Qorti Kriminali, allura din il-Qorti tahseb li dan [l-]aspett ghandu mbghad jippermea u jikkondizzjona l-kumplament tas-sentenza billi llum ma jistax ikun hemm dubbju illi fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti kif ukoll*

[2] J. Said Pullicino, Prim Imhallef u C.A. Agius u N.V. Arrigo, Imhallfin.

*Qrati ohra Maltin, ghandhom izommu quddiem ghajnejhom u jaghtu kaz ta' decizjonijiet rilevanti li jkunu hargu minn Strasbourg kif anke mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali…Ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fil-kwistjonijiet legali xejn cari dwar jekk f'kaz bhal dan hux permissibbli appell bhalma fil-fatt sar…Huwa evidenti li d-disposizzjonijiet rilevanti mill-Kodici Kriminali kienu jezistu qabel ma twieldet din il-Qorti u qabel ma gew introdotti fil-Kodici Kriminali id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-appelli quddiem din il-Qorti. Dan forsi jikkontribwixxi ghal mizura qawwija ta' dubbju li ghandha tmur favur il-legalita` ta' dan l-appell. Pero`, tenfasizza din il-Qorti, kollox jiddependi minn jekk oggettivament hemmx valur fis-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Onorevoli Imhallef DeGaetano jmissu jaccetta t-talba ghar-rikuza tieghu jew jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz…"* Din il-Qorti hi tal-fehma li hekk ukoll ghandha taghmel f'dan il-kaz, u cioe` li tara jekk oggettivament hemmx xi raguni li tiggustifika r-rikuza tal-Onorevoli Imhallef Galea Debono.

Il-fatti f'dan il-kaz huma cari u gew spjegati fil-verbal tad-29 ta' April, 2002, u ccarati aktar fid-decizjoni appellata. Kulma gara f'dan il-kaz hu li l-Onorevoli Imhallef Galea Debono, meta allura kien ghadu jipprattika ta' avukat, intalab minn hu l-mejjet Alfie Rizzo, cioe` minn Albert Rizzo, jaghmel talba lill-Magistrat Inkwirenti f'isem mart u ulied il-mejjet biex dawn ikunu jistghu jifthu l-hanut fejn kien sar id-delitt (u li kien maghluq minhabba l-inkjesta dwar l-*in genere* li kienet qed issir) u biex jirtiraw xi oggetti personali tal-mejjet u l-karozza. Ir-rikors relattiv sar u gie pprezentat fl-atti ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*, fejn allura ma jkun hemm hadd imputat, ghalkemm jirrizulta li gie dekretat fil-kors ta' l-istruttorja fejn it-talba giet michuda. Jirrizulta wkoll li r-rikors gie pprezentat tlett ijiem qabel ma l-appellant u l-ko-akkuzat l-iehor (el Baden) tressqu l-Qorti akkuzati in konnessjoni ma' l-omicidju ta' Alfie Rizzo**.** L-imsemmi Avukat la kien jaf lill-mejjet jew lir-rikorrenti, la qatt kien l-avukat taghhom, la qatt ikkomunika jew iddiskuta mar-rikorrenti xejn dwar il-kaz – anqas dwar ir-rikors – izda kien semplicement jaf lil hu l-mejjet, cioe` lil Albert Rizzo (u li dak iz-zmien anqas kien klient tieghu). Imqar jekk seta' kiteb ir-rikors *di proprio pugno*, il-firma

tieghu fuq dak ir-rikors ghandha titqies fic-cirkostanzi bhala wahda *di favore*. U l-fatt li gie registrat li l-prezentata tar-rikors saret f'isem l-avukat huwa biss konsegwenza tal-fatt li r-rikors kien igib il-firma tieghu. Lanqas ma jirrizulta li huwa qatt deher fl-atti ta' l-istruttorja, ghalkemm l-imsemmi rikors gie michud f'dak l-istadju. Importanti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghall-fini tar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna, huwa l-fatt hawn aktar ‘il fuq diga accennat, li r-rikors tat-13 ta’ Frar, 1998 gie pprezentat fl-atti ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere* u cioè meta ma kien hemm hadd imputat jew akkuzat dwar l-omicidju ta’ Alfie Rizzo; u r-rikors sab ruhhu fl-istruttorja b’mod purament incidentali u cioè peress li dawk l-atti tal-*in genere* gew ezebiti eventwalment fl-istruttorja. Ir-rikors *de quo* – u dan huwa wkoll importanti – ma kien jirreferi jew jincidi b’ebda mod, direttament jew indirettament, mad-dinamika ta’ dak li seta gara fil-hanut – fi kliem id-decizjoni appellata, kien rikors purament “ta’ natura amministrattiva”. F’dawn ic-cirkostanzi b’ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni ma jista’ wiehed jghid li tirrikorri xi cirkostanza kif ravvizata fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 734 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-Onorevoli Imhallef tal-Qorti Kriminali, meta kien ghadu avukat u fic-cirkostanzi aktar ‘l fuq imsemmija, b’ebda mod ma ta l-parir tieghu jew ittratta quddiem xi qorti, civili jew kriminali, dwar il-kawza, cioe` dwar il-mewt ta’ Alfie Rizzo jew dwar min seta’ kien responsabbli, imqar jekk ipotetikament, ghal tali mewt. Bhala fatt jirrizulta mill-atti li fl-ewwel gurnata ta’ l-istruttorja deheru ghall-parti civili (cioè ghall-armla u possibilment ghall-eredi tal-mejjet) l-avukati Dott. Emmanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran (ara fol. 22 ta’ l-istruttorja). Anqas jista’ jinghad li huwa kiteb dwar dik il-kawza jew dwar xi haga li ghandha x’taqsam ma’ dik il-kawza jew li tiddependi minn dik il-kawza. Hu evidenti li l-legislatur, meta uza l-kliem “kull haga ohra li ghandha x’taqsam mal-kawza jew li tiddependi minnha” ried jirreferi ghal affarijiet li, direttament jew indirettament, jista’ jkollhom xi incidenza fuq il-vertenza jew li jkunu jiddependu, direttament jew indirettament, fuq l-ezitu ta’ dik il-vertenza. Dan evidentement ma hux il-kaz *de quo*: anke li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, l-allura Avukat Dott. Galea Debono

kien gie mqabbad direttament mir-rikorrenti semplicement biex jitlob il-ftuh tal-hanut u l-irtirar ta’ l-oggetti, tali talba b’ebda mod ma ghandha “x’taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha” fis-sens tad-disposizzjoni tal-ligi in dizamina. Fl-ahharnett dan kollu jrid jitqieghed fl-isfond partikolari tar-rwol li l-Imhallef ghandu fis-sistema tal-guri, u cioe` li d-decizjoni dwar il-htija ta’ l-akkuzat hi rimessa f’idejn il-gurati: huma biss jiddeciedu x’gara jew x’ma garax fir-rigward tal-fatti attinenti ghall-akkuza jew akkuzi, u x’sehem kellu, jekk kellu, l-akkuzat f’dawk il-fatti.

Fin-nota tieghu pprezentata fit-12 ta' Novembru 2004 l-appellant issottometta li fost l-esebiti msemmija mill-Avukat Generali fl-att ta' akkuza ghad hemm l-oggetti li ntalbet ir-restituzzjoni taghhom, fosthom l-arlogg ta' l-idejn Sterling, u li ghalhekk issa hija biss il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imhallef Dott. Joseph Galea Debono li ghandha gurisdizzjoni tiddeciedi fuq ir-rilaxx stante c-cahda li kienet saret mill-Qorti tal-Magistrati. Din il-Qorti tosserva li ma jirrizultalhiex li fl-atti hemm talba pendenti ghar-rilaxx ta' l-arlogg imsemmi u ta' oggetti ohra u lanqas ma tista' timmagina li jekk issir tali talba qabel ma jsir il-guri, din ghandha ghalfejn tigi kkunsidrata qabel ma jigu terminati definittivament il-proceduri kontra l-appellant. Fi kwalunkwe kaz, tkun assurdita` fattwali u legali jekk xi hadd jista' jghaddilu minn mohhu li decizjoni dwar ir-rilaxx o meno ta' arlogg u vettura tista’ b'xi mod tippregudika l-andament tal-proceduri kontra l-appellant. L-ezitu tal-kawza kontra l-appellant jiddependi minn hafna aktar minn hekk.

Strettament din il-Qorti tista’ tieqaf hawn, peress li l-eccezzjoni kif moghtija kienet ibbazata fuq l-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12 b’referenza ghar-rikors tat-13 ta’ Frar, 1998. Pero`, kif accennat minn din il-Qorti fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Meinrad Calleja*** aktar ‘l fuq imsemmija, huwa legittimu wiehed jistaqsi wkoll jekk hemmx ragunijiet ohra li “oggettivament jiggustifikaw” id-dubbju li talvolta l-appellant ghandu, jew donnu ghandu, dwar l-imparzjalita` ta’ l-Onorevoli Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali. Dan qed jinghad ghax il-ligi ma tridx li, semplicement ghax parti jew ohra fil-kawza “thoss”

jew “jidhrilha” li l-gudikant jista’ jkun “parzjali”, allura dak il-gudikant ghandu ma jihux konjizzjoni ta’ dik il-kawza. Apparti l-obbligu li l-ligi timponi fuq il-gudikant li joqghod f’kull kawza li tigi lilu assenjata skond il-ligi u li jastjeni jew jilqa’ eccezzjoni ta’ rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun legalment gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta’ dik il-kawza, mhux kull “hsieb” ta’ parzjalita` li jista’ talvolta jghaddi minn mohh parti jew ohra, jista’ jinghad li huwa “oggettivament gustifikat”. It-test oggettiv ta’ l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bazi oggettivament riskontrabbli. Fi kliem l-awturi Harris, O’Boyle u Warbrick *“The objective test of ‘impartiality’ is comparable to the English Law doctrine that ‘justice must not only be done: it must also be seen to be done’. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of ‘appearances’. As the Court has stated, ‘[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused’* [3]*. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is ‘important but not decisive’; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be ‘objectively justified’* [4]*. If there is a legitimate doubt as to a judge’s impartiality, he must withdraw from the case.”* [5] Hekk, per ezempju, gie ritenut li s-semplici fatt li Imhallef *“…has also made pre-trial decisions in the case cannot be taken as it itself justifying fears as to his impartiality…what matters is the extent and nature of those decisions.”* [6]. Fil-kaz in dizamina l-Onorevoli Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali kien ghamilha cara sa mid-29 ta’ April, 2002 x’kien ir-rwol marginali u insinjifikanti tieghu f’din l-affari kollha – semplici rikors *di favore* ghal persuni li ma kienx jafhom (ir-rikorrenti) li b’ebda mod ma jincidi fuq il-meritu tal-kaz.**, u dan fi stadju fejn ma kien hemm hadd imputat jew akkuzat, (jigifieri r-rikors ma gie pprezentat kontra**

[3] ***Fey v. Austria*** A 255-A para 30 (1993).
[4] ***Hauschildt v. Denmark*** A 154 para 48 (1989).
[5] Harris, D. J., O’Boyle, M., Warbrick, C. ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 1995, p. 235.
[6] ***Fey v. Austria*** *ibid.*

**hadd) peress li gie pprezentat fl-atti ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*.** F'dawn ic-cirkostanzi kien ikun semplicement assurd li kieku l-Onorevoli Imhallef, anke in vista tad-dikjarazzjoni tieghu dwar x'kien ir-rwol tieghu, astjena jew laqa' l-eccezzjoni tar-rikuza. Kieku l-Onorevoli Imhallef astjena jew laqa' l-eccezzjoni tar-rikuza l-unika raguni li huwa seta', koncepibbilment, igib 'il quddiem ghal tali decizjoni kienet dik li huwa "kien jaf" lil hu l-mejjet, cioe` lil Albert Rizzo. Kieku kien hekk, kien ifisser li f'gurisdizzjoni zghira bhalma hi taghna, f'certi kawzi ebda wiehed mill-gudikanti – Magistrati jew Imhallfin – ma jkun jista' joqghod ghax "ikun jaf" lil parti jew ohra jew lil xi hadd li jkun jigi minn dik il-parti jew mill-ohra!

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti tqis li kwalunkwe dubju li l-appellant jista' jkollu dwar l-imparzalita` ta' l-Onorevoli Imhallef Dott. Joseph Galea Debono la huwa oggettivament gustifikat u lanqas ma huwa legittimu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell, tkkonferma d-decizjoni appellata u tibghat lura l-atti lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------